

Brussell, 14 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15187/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0550 (COD)

CULT 120	SAN 733
AUDIO 106	IND 506
FREMP 324	COMPET 1152
CODEC 1792	PROCIV 145
CADREFIN 318	HYBRID 141
FIN 1344	DISINFO 95
IA 189	JAI 1663
JEUN 231	SERVICES 78
EDUC 438	POLGEN 196
CULT HERIT 23	MI 899
SOC 772	RELEX 1462
GENDER 198	INF 219
DIGIT 235	COPEN 341
DATAPROTECT 294	JUSTCIV 184
ANTIDISCRIM 107	DROIPEN 134

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818 - <i>Rapport ta' progress</i>

I. INTRODUZZJONI

Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni Ewropea ressqet quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028-2034 u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818¹.

¹ ST 11771/25 + ADD 1 REV 1 + ADD 2 + ADD 3

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha u r-rapport relatat tal-valutazzjoni tal-impatt lill-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali (CAC) fit-3 ta' Settembru 2025. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media u l-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni² ġew mistiedna jieħdu sehem f'din id-diskussjoni u oħrajn relatati ma' "AgoraEU". L-analiżi tal-valutazzjoni tal-impatt issoktat u ġiet iffinalizzata fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali fis-26 ta' Settembru 2025. Sommarju tad-diskussjoni jinsab fl-Anness I ta' dan id-dokument.

Peress li r-Regolament propost huwa parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2028 sal-2034, id-dispożizzjonijiet kollha identifikati li huma soġġetti għal negozjati orizzontali twarrbu u ser jiġu indirizzati aktar tard matul in-negozjati dwar il-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jidhru f'parentesi kwadri fit-test, jikkonċernaw il-premessa 4 (pakkett finanzjarju), il-premessa 30 (implimentazzjoni f'konformità mal-Istrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività), il-premessa 31 (garanzija baġitarja jew strument finanzjarju), il-premessa 35 (f'konformità mar-Regolament dwar il-Prestazzjoni), il-premessa 40 (durata), l-Artikolu 1 (durata), l-Artikolu 11 (baġit) u l-Artikolu 15 (garanzija baġitarja jew strument finanzjarju).

Il-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media u tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni, eżamina l-proposta f'sitt laqgħat minn Settembru 'l hawn. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar spjegazzjonijiet dwar bosta kwistjonijiet (kwistjonijiet orizzontali - fosthom kwistjonijiet finanzjarji - u kunsiderazzjonijiet, sinerġiji ma' programmi u politiki oħra tal-UE) u ħadet nota tax-xewqa tad-delegazzjonijiet li jingħataw aktar dettalji fil-proposta tal-programm.

Minkejja ż-żmien limitat disponibbli għad-diskussjonijiet dwar il-proposta, kien possibbli li jiġu identifikati xi kwistjonijiet li l-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet jixtiequ jżidu jew jiċċaraw fit-test (eż. il-proċedura tal-kumitat, id-definizzjonijiet u d-desks tal-programm). Dan ir-rapport jipprova jiġbor fil-qosor ir-reazzjonijiet ewlenin tad-delegazzjonijiet (fit-taqsim II hawn taħt).

Għandu jiġi nnutat li xi Stati Membri għad għandhom riżervi ta' skrutinju dwar il-programm propost.

² Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u Antidiskriminazzjoni) huwa marbut mal-fajl bħala komunità assoċjata.

Fil-Parlament Ewropew, il-proposta tiġi eżaminata b'mod konġunt mill-Kumitati CULT (Kultura u Edukazzjoni) u LIBE (Libertajiet Ċivili, Ġustizzja u Affarijiet Interni). Il-ħatra tar-rapporteur dwar il-proposta għadha pendent.

Il-konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u dik tal-Kumitat tar-Reġjuni hija obbligatorja. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew hija mistennija li tiġi adottata fit-18 u d-19 ta' Frar 2026. Dik tal-Kumitat tar-Reġjuni hija mistennija li tiġi adottata fl-4 u l-5 ta' Marzu 2026.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet laqgħu l-proposta tal-Kummissjoni li tintegra l-programmi attwali Ewropa Kreattiva u Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri - CERV. Huma għarfu l-għan tal-Kummissjoni li żżid is-sinerġiji u l-koerenza u li tippermetti lill-programm futur iwieġeb għall-isfidi serji li qed jiffaċċjaw il-valuri tal-Unjoni Ewropea, id-diversità kulturali u s-setturi kreattivi u tal-media, inkluż theddid f'forma ta' diżinformazzjoni.

It-tliet ferġat distinti proposti (Ewropa Kreattiva - Kultura, MEDIA + u CERV+) kollha ntlagħqu b'mod ugwali. Madankollu, xi delegazzjonijiet issuġġerew li l-ferġat jitqassmu b'mod differenti (li jingħaqdu l-ferġa Ewropa Kreattiva - Kultura u l-oġettiv Awdjoviżiv f'ferġa EWROPA KREATTIVA, u li jkun hemm ferġa NEWS separata). Delegazzjonijiet oħrajn issuġġerew li tinżied ferġa TRANSSETTORJALI separata.

Minkejja r-reazzjoni ġeneralment pożittiva tagħhom dwar l-arkitettura tal-proposta, ħafna delegazzjonijiet urew tħassib li hemm riskju li l-integrazzjoni tal-programmi, flimkien ma' nuqqas ta' dettall fil-proposta u l-isem il-ġdid tal-proposta ta' "AgoraEU" ddgħajjed il-partijiet u l-ferġat distinti tagħha, u b'hekk tagħmilha aktar diffiċli li wieħed jibni fuq il-marka stabbilita u s-suċċessi tal-programmi li hemm bħalissa. Fil-fatt, xi delegazzjonijiet urew ix-xewqa li jibdlu jew iżidu mal-isem propost tal-programm u/jew l-ismijiet tal-oqsma.

Id-delegazzjonijiet qablu b'mod ġenerali mas-sejħa biex il-programm propost ikun flessibbli u jitfassal biex jibqa' validu fil-futur. Fl-istess ħin, id-delegazzjonijiet indikaw li l-ħtieġa li l-programm jadatta għall-futur m'għandhiex tnaqqas it-trasparenza u l-prevedibbiltà.

Id-delegazzjonijiet laqgħu wkoll is-simplifikazzjoni proposta tal-proċess ta' applikazzjoni għall-finanzjament, u ħafna enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv għall-benefiċjarji.

F'dan il-kuntest, id-delegazzjonijiet enfasizzaw kemm-il darba l-importanza li jiġi ċċarat kif l-Istati Membri ser ikunu involuti fl-implimentazzjoni tal-programm ladarba jiġi adottat. Kważi id-delegazzjonijiet kollha li pprovdew kummenti esprimew preferenza għat-twaqqif ta' kumitat tal-programm.

1. Definizzjonijiet (Artikolu 2)

Diversi delegazzjonijiet talbu definizzjonijiet aktar ċari, fosthom definizzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi, u enfasizzaw il-ħtieġa għal aktar kjarifika dwar il-gruppi fil-mira fil-fergħat kollha tal-proposta.

2. Obiettivi tal-programm (Artikolu 3)

Filwaqt li hemm appoġġ ġenerali għall-obiettivi tal-programm fost id-delegazzjonijiet, xi wħud minnhom issuġġerew żidiet għat-test. Pereżempju, xi wħud ipproponew li jiġu inklużi referenzi għaċ-ċirkostanzi speċjali ta' pajjiżi iżgħar, lingwi minoritarji, u pajjiżi b'kapaċità aktar baxxa. Fil-qasam tal-mezzi tax-xandir, ġie ssuġġerit li jiżdied il-"pluraliżmu tal-media" bħala objettiv tal-programm. Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet argumentaw favur l-inklużjoni ta' "mobilità" u "innovazzjoni" fl-obiettivi ġenerali tal-"fergħa Ewropa Kreattiva – Kultura". Oħrajn issuġġerew li l-"ugwaljanza bejn il-ġeneri" tiġi inklużi fl-obiettivi ġenerali tal-fergħa CERV+.

3. Ewropa Kreattiva - fergħa Kultura (Artikolu 4)

Il-kummenti tad-delegazzjonijiet inkludew is-suġġeriment li jiġu pprovduti aktar dettalji dwar proġetti u attivitajiet konkreti, inkluż referenza espliċita għall-azzjonijiet tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura u ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (Artikolu 4(g)) fil-parti prinċipali tat-test (aktar milli fin-nota fqiegħ il-paġna biss). Xi delegazzjonijiet ikkonċentraw ukoll fuq il-hteġa li jitkomplew l-inizjattivi mmirati lejn setturi speċifiċi bħall-mużika u l-pubblikazzjoni.

4. Fergħa MEDIA+ (Artikoli 5-6)

B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet laqgħu l-oġettiv propost ta' "Aħbarijiet" taħt il-fergħa Media+. Huma enfasizzaw ukoll l-importanza li nkomplu nibnu fuq is-suċċessi tal-fergħa attwali tal-programm Media Ewropa Kreattiva taħt l-oġettiv "Awdjoviżiv" propost. B'konsegwenza ta' dan, ħafna delegazzjonijiet talbu li ż-żewġ oġettivi taħt din il-fergħa jinżammu separati. Ħafna delegazzjonijiet xtaqu jisħqu li produtturi indipendenti għandhom jissemmew bħala eliġibbli għal appoġġ taħt l-oġettiv 'Awdjoviżiv'. Filwaqt li ħafna delegazzjonijiet irrikonoxxew il-pertinenza tal-oqsma proposti ta' appoġġ, protezzjoni u promozzjoni taħt l-oġettiv "Aħbarijiet", xi wħud esprimew ix-xewqa li tissaħħaħ l-enfasi fuq ċerti oqsma, bħal-litteriżmu medjatiku. Oħrajn qajmu mistoqsijiet dwar kunċetti bħal "affarijiet tal-Unjoni". Ħafna delegazzjonijiet laqgħu, enfasizzaw, u f'xi każijiet talbu wkoll aktar enfasi fuq il-hteġa għal appoġġ speċjali għall-aħbarijiet lokali u reġjonali.

5. Fergħa CERV+ (Artikoli 7–9)

Id-delegazzjonijiet laqgħu l-oġġettivi speċifiċi taħt il-fergħa CERV+ ("Drittijiet, Ugwaljanza, Ċittadini u Soċjetà Ċivili", "Daphne" u "Parteċipazzjoni demokratika u Stat tad-Dritt"), li għadhom kruċjali madwar l-Unjoni. Xi delegazzjonijiet esprimew ix-xewqa li jissemmew attivitajiet u organizzazzjonijiet konkreti fit-test, bħall-attivitajiet ta' "Ġemellaġġ tal-Bliet", in-"Network tal-Bliet" u l-"Grupp ta' Djalogo Ċivili". Ħafna delegazzjonijiet appellaw ukoll għal aktar referenzi għall-"ġeneru" (inkluż l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u l-identità tal-ġeneru eċċ.) fit-test, filwaqt li xi oħrajn ippreferew attenzjoni iktar preċiża fuq "ġeneru", f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Barra minn hekk, diversi delegazzjonijiet jemmnu li għandhom jiġu inklużi aktar referenzi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li xi wħud appellaw għal aktar referenzi għal azzjonijiet ta' tifikira. Il-programmi ta' ħidma ta' sentejn fil-programm CERV attwali ġew enfasizzati minn xi delegazzjonijiet bħala siewja għall-implimentazzjoni, u esprimew ix-xewqa li l-programmi pluriennali jkomplu taħt "AgoraEU".

6. Prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali (Artikolu 10)

B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet sabu li l-perspettiva trasversali u orizzontali fl-Artikolu 10 hija importanti, iżda qajmu ħafna mistoqsijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu. Pereżempju, diversi delegazzjonijiet iddikjaraw li ma hemm l-ebda spjegazzjoni konkreta ta' kif ser jintgħażlu jew jitwettqu l-attivitajiet u l-proġetti orizzontali, u ssuġġerew li jiddaħħlu kriterji tal-għażla biex jiżguraw it-trasparenza u l-prevedibbiltà. Barra minn hekk, ħafna delegazzjonijiet kienu mħassba li l-appoġġ għal proġetti orizzontali ser isir billi jdgħajjef it-tliet ferġat tal-programm propost. Id-delegazzjonijiet qajmu wkoll tħassib li l-proġetti orizzontali jistgħu joħolqu aktar piż għall-applikanti. Xi delegazzjonijiet talbu għal aktar ċarezza dwar xi jfissru kunċetti bħal "diskors pubbliku" jew "reżiljenza tas-soċjetà" (Artikolu 10(a)), u xi wħud kellhom mistoqsijiet dwar it-tifsira tal-aħħar sentenza tal-Artikolu (dwar il-finanzjament) u rrakkomandaw formulazzjoni aktar ċara. Id-delegazzjonijiet kollha li kkummentaw dwar l-Artikolu enfasizzaw ir-rwol vitali tad-desks tal-programm/tal-punti ta' kuntatt. Skont il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet, id-desks/il-punti ta' kuntatt għandhom ikomplu l-attivitajiet u l-istruttura attwali tagħhom fil-futur. Xi delegazzjonijiet issuġġerew artikolu separat iddedikat għad-desks/għall-punti ta' kuntatt. Id-delegazzjonijiet ħadu nota tar-riassigurazzjoni tal-Kummissjoni li d-desks ser jaqdu wkoll rwol importanti fil-programm futur "AgoraEU", iżda xi wħud appellaw biex dan jissemma espliċitament fit-test. Innutaw ukoll li l-Kummissjoni ma kellha l-ebda intenzjoni li tapplika "approċċ li jitfa' l kulħadd f'keffa waħda" għal desks/punti ta' kuntatt futuri.

7. Riżorsi addizzjonali u finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv (Artikolu 12-13)

Xi delegazzjonijiet qajmu mistoqsijiet dwar l-implikazzjonijiet tal-Artikoli 12 u 13 li huma ta' natura orizzontali u mhumiex immirati esklużivament lejn "AgoraEU". Id-delegazzjonijiet laqgħu l-possibbiltà li s-sinerġiji u l-kooperazzjoni jiġu inklużi fl-artikoli u hađu nota tal-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni li l-artikoli proposti ma jimponu l-ebda obbligu.

8. Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm (Artikolu 14)

Id-delegazzjonijiet qajmu mistoqsijiet dwar it-tifsira tat-test propost. Pereżempju, saru mistoqsijiet dwar l-intenzjoni wara l-kategorija residwa fl-Artikolu 14.1(d) dwar "pajjiżi terzi oħra". Fl-istess ħin, id-delegazzjonijiet hađu nota tal-fatt li l-Artikolu 14 kien test orizzontali u għandu jiġi ttrattat bħala tali, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 14.3 li jirrikjedi li l-għoti ta' parteċipazzjoni fl-oġettiv Awdjoviżiv speċifiku skont l-Artikolu 3 iqisu s-suq awdjoviżiv fil-pajjiżi kkonċernati, inkluż il-prossimità tal-qafas legali tagħhom mal-acquis tal-Unjoni dwar il-media awdjoviżiva.

9. Eliġibbiltà (Artikolu 16)

Xi delegazzjonijiet talbu kjarifika dwar id-dispożizzjoni proposta li hija test orizzontali - ħlief għall-Artikolu 16.6 li jippermetti għotja operattiva (mingħajr sejħa għal proposta) lin-Netzwerk Ewropew tal-Korpi Nazzjonali tal-Ugwaljanza (Equinet). B'mod partikolari, xi delegazzjonijiet esprimew ix-xewqa li jiffaċilitaw l-eliġibbiltà ta' organizzazzjonijiet iżgħar għall-appoġġ, kif ukoll li jfittxu aċċess ġeografikament ibbilanċjat għall-finanzjament.

10. Programm ta' ħidma (Artikolu 17)

Kważi d-delegazzjonijiet kollha li pprovduw kummenti esprimew preferenza għat-twaqqif ta' kumitat tal-programm fil-proposta. Dan jiċċara u jiżgura l-involviment tal-Istati Membri fil-programm futur "AgoraEU". Xi delegazzjonijiet enfasizzaw l-esperjenza pożittiva ta' programmi ta' ħidma ta' sentejn (applikati b'rabta mal-programm CERV). Delegazzjonijiet oħra xtaqu li jkollhom programmi ta' ħidma annwali (kif użati b'rabta mal-programm Ewropa Kreattiva).

11. Dispożizzjonijiet finali (Artikoli 18-20)

Id-delegazzjonijiet ħadu nota tad-dispożizzjonijiet finali (dwar it-tħassir, id-dispożizzjonijiet tranżitorji u d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni).

12. Premessi

L-eżami tal-premessi fil-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali beda bil-premessi 1 sa 19. Ħafna mill-kummenti li saru fir-rigward tal-parti operattiva tat-test ittennew għall-premessi diskussi. Huwa previst li l-bqija tal-premessi ser jiġu eżaminati fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali fid-9 ta' Diċembru.

III. RAKKOMANDAZZJONIJIET

Wara l-eżami tal-proposta fil-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali³, il-Presidenza identifikat tliet elementi li l-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet qiesu li kienu neqsin mill-parti operattiva tal-proposta, li għalihom il-Presidenza ppreżentat proposti ta' abbozzar ispirati mill-programmi attwali. Dawn huma:

1. **proċedura ta' kumitat**; jiġifieri dispożizzjoni li għandha tiżdied mat-test li tippredvi li l-programmi ta' ħidma għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u li tintroduċi (mill-ġdid) kumitat tal-programm li jiżgura rwol għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-programm;
2. **definizzjoni tas-setturi kreattivi u kulturali**; billi tittieħed l-ewwel parti tad-definizzjoni tas-CCS fil-programm attwali Ewropa Kreattiva, iżda titħalla barra l-lista mhux eżawrjenti ta' eżempji tas-CCS sabiex id-definizzjoni tibqa' aktar valida fil-futur;
3. **desks tal-programm/punti ta' kuntatt**; jiġifieri introduzzjoni (mill-ġdid) tad-desks tal-Programm (Ewropa Kreattiva) fil-parti operattiva tat-test u punti ta' kuntatt (CERV) li jilħqu u jagħtu pariri lill-applikanti potenzjali u jippromwovu l-programm.

³ Bil-parteċipazzjoni tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media tal-Kunsill, il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni - FREMP u l-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u Antidiskriminazzjoni) bħala komunità assoċjata.

Is-suġġerimenti ta' abbozzar tat-tliet elementi jinsabu fl-Anness II ta' din in-nota. Dawn ġew ippreżentati fil-laqgħa tas-CAC tal-14 ta' Novembru u l-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet apprezżaw ħafna l-analiżi tal-Preidenza tal-aktar kwistjonijiet pertinenti identifikati matul l-eżami tal-proposta.

Il-proposta tal-Preidenza li ddaħħal definizzjoni tas-CCS fl-abbozz ta' programm hija mingħajr preġudizzju għaż-żieda ta' definizzjonijiet possibbli oħra marbutin mal-fergħat proposti kollha jew uħud minnhom u l-oġettivi speċifiċi fil-programm propost kollu. Il-Preidenza għalhekk tipproponi li tiddiskuti fil-fond l-interazzjoni ta' definizzjonijiet differenti bejn il-fergħat.

Diskussjoni fil-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali dwar ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea

Fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali tat-3 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha dwar il-proposta⁴. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv u l-Media u l-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni ġew mistiedna jieħdu sehem fil-laqgħa. Qabel il-laqgħa, il-membri tat-tliet gruppi ta' ħidma kienu rċevew informazzjoni dwar ir-rapporti tal-valutazzjoni tal-impatt flimkien ma' lista ta' kontroll indikattiva biex jgħinu fit-thejjja tad-diskussjonijiet.

Il-preżentazzjoni⁵ tal-Kummissjoni kienet segwita minn żewġ diskussjonijiet (fit-3 ta' Settembru u s-26 ta' Settembru 2025) li matulhom id-delegazzjonijiet esprimew opinjoni pożittiva ġenerali dwar li jingħaqdu l-programmi preċedenti Ewropa Kreattiva u Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri f'waħa, minħabba l-potenzjal għal sinerġija u koerenza akbar bejn l-oġettivi taż-żewġ programmi. Fl-istess ħin, id-delegazzjonijiet għamlu diversi talbiet għal kjarifika minħabba n-nuqqas ta' dettalji fil-proposta. Pereżempju, issemma li kien importanti li tiġi żgurata allokazżjoni bbilanċjata tal-fondi bejn il-fergħat differenti proposti fl-arkitettura l-ġdida tal-programm, iżda ma kien hemm l-ebda allokazżjoni indikattiva fil-proposta. Barra minn hekk, ġie indikat li sabiex tilħaq l-oġettivi tagħha, "AgoraEU" jkollha tkompli l-punti ta' kuntatt/id-desks tal-programm tal-programmi attwali. L-istess japplika għall-kwistjoni tal-governanza, fejn ġie indikat li l-informazzjoni dwar kif il-programm ser jiġi implimentat kienet limitata. Barra minn hekk, delegazzjoni waħda staqsiet dwar il-bażi legali fir-rigward tal-media tal-aħbarijiet, minħabba l-kompetenza qawwija tal-Istati Membri fil-qasam.

Wara t-talba tal-Presidenza rigward il-qsim ta' informazzjoni jew data minn sorsi nazzjonali dwar l-impatti possibbli tal-proposta fuq "AgoraEU", delegazzjoni waħda qasmet informazzjoni minn sorsi nazzjonali rilevanti għall-fergħa "Ewropa Kreattiva - Kultura" tal-programm⁶.

⁴ ST 11771/25 ADD 1 REV I

⁵ WK 10908/2025

⁶ WK 14470/2025

Tliet proposti ta' abbozzar għall-programm propost "AgoraEU"⁷

1. Suġġerimenti għall-abbozzar rigward il-proċedura tal-kumitat

L-Artikolu 17 u l-Artikolu 18a l-għdid

Artikolu 17

Programm ta' ħidma

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmin fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-attivitajiet u l-ammonti relatati tal-appoġġ tal-Unjoni li jridu jiġu implimentati bl-Istrument InvestEU tal-FEK.
2. **Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18A.**

Artikolu 18A

Proċedura ta' kumitat

1. **Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat (il-"Kumitat AgoraEU"). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**

⁷ Iż-żidiet meta mqabbla mat-test tal-proposta (dok. 11771/25) huma enfasizzati b'**tipa grassa sottolinjata**.

- 2. Il-kumitat jista' jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet speċifiċi biex jitratta kwistjonijiet konkreti relatati mal-fergħat individwali tal-Programm.**
- 3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**

Ġustifikazzjoni:

Id-delegazzjonijiet esprimew ix-xewqa tagħhom li jkunu involuti fl-implimentazzjoni tal-programm ladarba jiġi adottat. Il-Presidenza tqis li l-aktar mod adatt u strutturat biex jinkiseb dan huwa permezz tal-introduzzjoni (mill-ġdid) ta' kumitat li japplika l-proċedura ta' eżami stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 182/2011 b'rabta mal-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma.

Iż-żidiet proposti huma bbażati fuq l-Artikoli 15 u 24 tal-Programm Ewropa Kreattiva u l-Artikoli 15 u 22 tal-Programm CERV.

2. Suġġerimenti ta' abbozzar dwar id-definizzjonijiet

Artikolu 2

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "proċedura ta' għoti" tfisser proċedura ta' għoti, kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kif ukoll il-proċeduri biex jiġu fdati l-implimentazzjoni u l-għoti tal-appoġġ bl-istrumenti finanzjarji, biex tingħata l-garanzija baġitarja, jew biex jingħata appoġġ permezz tal-garanzija baġitarja.

2. "setturi kulturali u kreattivi" tfisser is-setturi kollha:

(a) li l-attivitajiet tagħhom, li bosta minnhom għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw l-innovazzjoni u l-impjiegi, b'mod partikolari mill-propjetà intellettuali:

(i) huma bbażati fuq valuri kulturali u espressjonijiet artistiċi u espressjonijiet kreattivi oħra individwali jew kollettivi; u

(ii) jinkludu l-iżvilupp, il-ħolqien, il-produzzjoni, id-disseminazzjoni u l-preżervazzjoni ta' prodotti u servizzi li jinkorporaw espressjonijiet kulturali, artistiċi jew espressjonijiet kreattivi oħra, kif ukoll funzjonijiet relatati bħall-edukazzjoni jew il-ġestjoni;

(b) irrispettivament minn:

(i) iekk l-attivitajiet ta' dawk is-setturi humiex orjentati lejn is-suq jew mhux orjentati lejn is-suq;

(ii) it-tip ta' struttura li twettaq dawk l-attivitajiet; u

(iii) kif tiġi ffinanzjata l-istruttura

Ġustifikazzjoni:

Id-delegazzjonijiet appellaw għal definizzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi (SKK). Il-Presidenza tissuġġerixxi l-introduzzjoni (mill-ġdid) tad-definizzjoni tas-SKK mir-Regolament attwali dwar il-Programm Ewropa Kreattiva, u b'hekk tipprowdi aktar ċarezza tal-gruppi fil-mira. Fl-istess ħin, il-Presidenza taqbel mal-argument tal-Kummissjoni li l-programm "AgoraEU" jeħtieġ li jkun flessibbli u jibqa' validu fil-futur. Il-Presidenza għalhekk tissuġġerixxi li ma tiġix inkluża lista mhux eżawrjenti ta' diversi SKK, kif inhu l-każ fil-Programm Ewropa Kreattiva attwali.

Għandu jiġi nnutat li s-suġġeriment tal-Presidenza huwa mingħajr preġudizzju għaż-żieda ta' definizzjonijiet possibbli oħra marbutin mal-fergħat proposti kollha jew uħud minnhom u l-obiettivi speċifiċi fil-programm propost kollu.

Iż-żieda proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 2 fil-Programm Ewropa Kreattiva attwali.

3. Suġġerimenti ta' abbozzar dwar id-desks tal-programm/il-punti ta' kuntatt

Artikolu 10

Kapitolu V

Prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali

Artikolu 10

Fl-ambitu tal-oġettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3, il-Programm għandu jappoġġa l-prijoritajiet u l-attivitajiet trasversali u orizzontali li ġejjin:

- (a) il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni transsettorjali fl-oqsma kulturali, tal-media u ċiviċi, u l-protezzjoni tal-integrità tad-diskors pubbliku, u b'hekk jissaħħu r-reżiljenza demokratika, it-tnejjija tas-soċjetà u l-involviment kulturali u ċiviku;
- (b) użu responsabbli tal-ġhodod innovattivi u t-teknoloġiji tal-kontenut, b'mod partikolari l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bini tal-kapaċitajiet b'approċċi transsettorjali;
- (c) azzjonijiet għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġislazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni fl-oqsma tal-kultura, tal-media u ċiviċi, inkluż, meta applikabbli, b'kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati.

- (da) **it-twaqqif u l-attivitajiet tad-Desks tal-Programm fil-pajjiżi parteċipanti biex iistimulaw il-kooperazzjoni transfruntiera u l-iskambju tal-aħjar prattiki fis-setturi koperti mill-Programm. Barra minn hekk, id-Desks tal-Programm jista' wkoll ikollhom ir-responsabbiltà li jipprovdu gwida imparzjali, informazzjoni Prattika u assistenza lill-applikanti, lill-partijiet ikkonċernati u lill-benefiċjarji tal-Programm fl-aspetti kollha tiegħu, inkluż fir-rigward tal-proċedura ta' applikazzjoni, it-tixrid ta' informazzjoni faċli għall-utent u r-riżultati tal-Programm, l-inkjesti għas-sħab, it-taħriġ u l-formalitajiet.**
- (d) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [dwar il-Prestazzjoni], il-promozzjoni tal-Programm, u l-opportunitajiet tal-finanzjament tiegħu, inkluż permezz tad-Desks tal-Programm, biex b'hekk jiżiedu l-kuntatt, il-viżibbiltà u t-tixrid tal-għarfien dwar ir-riżultati tal-Programm;

Il-finanzjament ta' prijoritajiet u attivitajiet trasversali u orizzontali għandu jiġi ddeterminat skont in-natura u l-ambitu tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Talba ġenerali mid-delegazzjonijiet hija li jitkomplew id-desks tal-programm/il-punti ta' kuntatt tal-programmi Ewropa Kreattiva u CERV. Il-Previdenza ssuġġeriet "Desks tal-Programm", li huwa t-terminu propost mill-Kummissjoni fl-Artikolu 10(d). Il-Previdenza żammet il-verb "jista'" b'rabta mal-fergħa CERV +, peress li t-twaqqif ta' punti ta' kuntatt taħt il-programm CERV attwali mhuwiex obligatorju. Il-Previdenza hija tal-fehma li - kif inhu l-każ illum - id-desks tal-programm jistgħu jiġu organizzati b'ħafna modi, u li għalhekk mhuwiex meħtieġ li jiġu speċifikati l-konfigurazzjonijiet tad-desks fit-test.

Iż-żidiet proposti huma bbażati fuq l-Artikolu 7(d) tal-Programm Ewropa Kreattiva u l-Artikolu 21 tal-Programm CERV.